"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165 ail: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti ta' seduta numru 9 tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru 2015 fis-6:00p.m.*

**Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Cutajar (J.C.) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Leanne Grech (L.G.) |
| | Josette Busuttil (J.B.) |
| | Herman Reuben Schiavone (HS) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Svetlick Flores (SF) |
| Skuzati | -- |

Membri tal-pubbliku prezenti : 2

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-SindkuMistoqsijiet lis-Sindku
4. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
5. Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill
6. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
7. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
8. Offerti Pubblici
9. Traffiku u Parkegg
10. Indafa u Ambjent
11. Gonna, Parks, u Soft Areas
12. Utilitajiet u Servizzi
13. Ambaxatur Lokali taz-Zaghzagh
14. Ingagg ta Impjegat
15. Kera ta Garaxx
16. Materji ohra
17. Aggornament tal-Laqgha

Is-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**09/1** **Approvazzjoni tal-Minuti**

**09/1.1** Il-minuti tas-seba (07) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

09/1.1.1 Il-Kunsilliera Josette Busuttil ressqet korrezzjoni tal minuti, fejn irrimarkat li kien hemm minuta nieqsa.. Din ghanda tkun kif gej:
"Minuta 07/09/23 – Il-Kunsillera JB irrimarkat li Dove's Pet Shop xtaq jghamel ammont ta kennels fil-lokalita`. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta."

**09/1.2** Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament bil-korrezzjonijiet imressqa, wara li tressqet mozzjoni mis-Sindku Kevin Barun u ssekondata mill-Kunsilliera Leanne Grech. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**09/1.3** Il-minuti tat-tmien (08) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

09/1.3.1 Il-Kunsilliera Leanne Grech ressqet korrezjoni fuq minuta 08/02/06 fejn talbet li l-kelma kancell tigi sostitwita bil-kelma xatba.

09/1.3.2 Il-Kunsillier Leanne Grech ressqet korrezzjoni fuq minuta 08/10/23 fejn ghandu jizdied il-kliem: " Il-Kunsilliera LG irrimakat li imminenti li sadanittant jitnehha l-periklu"

09/1.3.3 Il-Kunsillier Stanley Zammit ressaq korrezzjoni fuq minuta 08/09/01, fejn ghanda tinqata il-frazi "Festa Qarnit"

09/1.3.4 Il-Kunsillier Stanley Zammit ressaq korrezzjoni fejn irrimarkat li kien hemm minuta nieqsa. Din ghandu tkun kif gej:
"Minuta 08/09/03 – Il-Kunsill innota ukoll li hemm kont partikolari li jrid jigi kljarifikat"

09/1.3.5 Il-Kunsillier Stanley Zammit ressaq korrezzjoni fuq minuta 08/10/02, li ghanda tigi modifikata kif gej:
"...il-pont li kien armat fil-Wesgha Carmelo Caruana. Il-Kunsill qabel li wara li issirlu l-manutenzjoni, jerga jintrama skont il-pjanti approvati mill-MEPA."

**09/1.4** Il-minuti msemmija f'09/01/04 gew approvati unanimament bil-korrezzjonijiet indikati hawn fuq, wara li tressqet mozzjoni mis-Sindku Kevin Barun u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Baldacchino. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**09/1** **Punti Imqajjma mill-minuti.**

**09/1.5** Il-Kunsillier Joseph Badacchino, ghamel referenza ghal minuta 08/10/02, fejn informa lil Kunsill li huwa kien iccekja mal-kuntrattur li kien qed jahzen il-planki tal-pont propjeta tal-kunsill, Alfred Schembri& Sons. Huwa kien infurmat mill-istess kuntrattur li l-planki kienu ramewhom

09/1.5.1 Il-Kunsill irrimarka li l-Kuntrattur ma kellu l-ebda dritt jaqbad u jarmi propjeta ta' haddiehor.

KB SF

**09/1.6** Il-Kunsillier Baldacchino kompli billi qal li waqt din id-diskursata li kellu, huwa kien infurmat li dalwaqt tinqata is-sentenza pendentimill-qorti li fiha huwa involut il-Kuntrattur Alfred Schembri& Sons. Jista jkun il-kaz li b'rizultat ta din, il-Kunsill jigi mitlub ihallas is-somma ta madwar €300,000 li Alfred Schembri& Sonsqed jghid li ghandu pendent mal-Kunisll

09/1.6.1 Is-Sinku Kevin Barun infurma li l-Kunsill m'ghandu l-ebda kont pendenti minhabba li din is-somma kienet garanzija bankarja li inzammet minhabba li l-kuntrattur ma lestiex xogholu fil-hin, kif kien jistipola il-kuntratt.

09/1.6.2 Il-Kunsillier JB irrimarka li il-Kuntrattur xogholu kien ghamlu, u kienu Transport Malta li kienu waqqfuh mill jkompli jahdem. Huwa izda zied jghdi li minhabba dan, il-Kunsill kellu jerga johrog l-offerta fejn l-irhas offerta swiet il-kunsill darba u nofs il-prezz primarju ta Alfred Schembri & Sons. Allura il-Kunsill ~~baghta~~ sofra iktar mill- Kuntrattur Alfred Schmebri & Sons.

09/1.6.3 Il-Kunsill qabel illi la darba tinqata is-sentenza, jekk ikun il-kaz, il-kunsill ghandu jitlob parir legali, minghand l-avukat tal-Kunsill.

**09/1.7** Il-Vici SindkuJC irrimarka li t-tindif tal-wied li kellu isir ghadu ma sarx minhabba li tnejn mill-haddiema assenjati mill-ETC kienu neqsin mix-xoghol minhabba ragunijet ta sahha.

**09/1.8** Is-Sindku KB ghamel referenza ghall-minuta 08/02/02, qal li kellu laqgha fejn kien hemm prezenti is-Sur John Rizzo. L-Istess Rizzo kien ta' hafna informazzjoni fuq hafna affarijiet, Nel frattemp huwa informa lil dawk prezenti li kien ghadu qed jaghmel *stock-take* tax'hemm sabiex jaqqad it-truf peress li huwa gie assennjat fil-kariga mhilux. Huwa kien infurmah sabiex il-Kunsill jitlob ghal-laqgha ohra mieghu fi zmien tlett gimghat.

**09/1.9** Is-Sindku KB ghamel referenza ghall-minuta 08/03/08 u saqsa lill-Vici Sindku jekk ix-xoghol tat-tindif tal-culverts kienx sar. Il-Vici Sindku wiegeb fin-negattiv.

**09/1.10** Il-Kunsillier SZ ghamel referenza ghall-minuta 08/10/03 u informa lill-Kunsill li l-pjanti kienu kwazi lesti, u ser jiehu hsieb jibaghtom lis-Segretarju Ezekuttiv appena ikunu lesti, sabiex dan l-ahhar ikun jista jibaghtom lil Transport Malta.

**09/1.11** Il-Kunsillier SZ ghamel referenza ghall-minuta 08/10/15 u staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi progress. Il-Kunsill qabel li minhabba ragunijiet teknici, din il-materja ghanda tigi diskussa wara.

**09/2** <u>**Komunikazzjonijiet mis-Sindku**</u>

**09/2.1** Permezz ta e-mail mis-Sur Lawrence Mizzi (CEO, RSS ex-IPSL), fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jirrilaxxa lil xi wiehed mill-haddiema assenjati lilu that l-iskema tal-IPSl, sabiex ikun jista jintbaghat go xi kunsill iehor. Il-Kunsill ma qabilx mat-talba minhabba li l-haddiema huma kollha indispensabbli. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jikteb lura lis-Sur Mizzi u jitolbu jirrevedi it-talba. Jekk ma jkun xhemm qbil, il-Kunsill ghandu isaqsi lil-haddiema kollha jekk hemmx xi hadd interessat li jaghmel dan il-pass huwa min jeddu, u jekk hadd ma jkun lest, allura il-kunsill ghandu jerga jiddiskuti.

KB SF

**09/2.2** Is-Sindku KB tkellem dwar il-laqgha li nzammet rigward il-Freeport.

09/2.2.1 Huwa qal li ghal-laqgha kien hemm prezenti Kaptan minn TM, xi haga pozittiva, li ser tirrizulta f'iktar koordinazjzoni.

09/2.2.2 Huwa zied li intalbet lista tal-progetti previsti, sabiex b'hekk issir diskussjoni qabel issir xi forma ta applikazzjoni, u allura il-Kunsill ikun iktar involut.

09/2.2.3 Huwa informa li l-Freeporrt ser jaghmlu landscaping fil car park taghhom. Kien hemm qbil li is-sigar li hem f'Wied il-Buni ser jigu wara ic-cint taghhom u b'hekk jigu fil-propjeta taghhom. Ghaldaqstant, il-manutenzjoni taghhom ser tibda issir minnhom.

09/2.2.4 Il-Kunsillier SZ saqsa lis-Sindku fuq l-ahhar permess tal-krejnijiet. Is-Sinku informa li il-Kunsill kien oggezzjona.

**09/2.3** Is-Sindku KB informa lil-Kunsill li kif maqbul, inxtara il-canvas sabiex jitpogga fill-pich tar-ramel tal-Bajja s-Sabiha, li kelli jitwahhal l'ghada. Huwa zied jghid li nel-frattemp, insterqu numru ta rollijiet mill-istess kanvas. Wara diskussjoni libera kien hem qbil li l-kunsill jerga jixtri l-ammont li kien instteraq.

**09/2.4** Is-Sindku KB informa lil-Kunsill li l-*magazine* tal-Kunsill wasal biex ikun ippubblikat, ghaldaqstant talab lil-kunislliera biex l-avvizi li xtaqu jghaddu ghandom jintbatu lilu sal-ahhar ta dil-gimgha. Huwa zied jghid li zewg avvizi ser ikunu dak li jirrelata mal-isleeping policeman ta Triq San Filippu. U iehor rigward it-tilqima tal-influenza. F'dan ta l-ahhar kien hemm il-qbil li ir-residenti jinghataw deadline sa meta ghadhom jinkitbu gewwa l-ufficju amministrattiv.

**09/2.5** Is-Sindku KB ta` rendikont dwar laqgha ma GreenPAK li ghaliha attendew huwa, is-Segretarju Ezekuttiv u il-Kunsillier HS. Matul din il-laqgha kien gie diskuss il-pjan tal-Kunsill fir-rigward tal-iskeda tal-gbir ta skart domestiku, riciklabbli u organiku.

09/2.5.1 Il-Greenpak ma qablux fuq gabra ta skart organika darba fil-gimgha, minhabba ragunijiet validi bhal rwejjah. Ghaldaqstant il-membri prezenti waqt il-laqgha li saret mal-GreenPAK qablu li din m'ghandix issir.

rrakkomandaw KB

09/2.5.2 Il-Greenpak ma ~~qablux fuq~~ gabra ohra ta skart riciklabbli nhar ta Gimgha, minhabba li m'hijiex vijabbli

09/2.5.3 Il-Greenpak semmew il-pilot project li qed jigi imnehdi mill-wasteserve rigward il-gbir ta skart. U irrakomandaw lil–Kunsill ta Birzebbuga jaghmel il-verifiki necessarji sabiex jara jekk huwiex involut

09/2.5.4 Il-Kunsillier JB saqsa jekk il-hlas lil kuntrattur hux ser jonqos b'gurnata la darba innaqsu gurnata gabra. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika fuq din, madankollu il-Kunsillier SZ irrimarka li zgur li l-kunsill ser jiffranka mit-tipping fees li l-kunsill ihallas ghar-rimi ta skart.

09/2.5.5 Wara diskussjoni libera, il-kunsill qabel li ghandu jerga jitkellem mal-GreenPAK sabiex nhar ta gimgha issir gibra ta skart riciklabbli.

KB SG

09/2.5.6 Nel-frattemp, il-Kunsill qabel li ghandu jirrevedi l-iskeda tal-gbir ta skart u li ghanda tkun kif gej, u dan sakemm ma jkunx impost mod iehor mill-Gvern Centrali jew xi awtorita ohra

> Skart domestiku: it-Tnejn, l-Erbgha, il-Hamis u il-Gimgha*, u is-Sibt
> Skart riciklabbli: it-Tlieta u il-Gimgha*,
> *Suggetta ghal-ftehim imsemmi f'minuta 09/03/05/05

**09/2.6** Is-Sindku KB informal ill-Kunsilliera li l-Kunsill ghandu jkun proattiv u jibda jahseb fi progetti kapitali li jistaw isiru b'fondi differenti, u li dawn issri stima taghhomi u b'hekk, il-kunsill ikun f'pozizzjoni ahjar li jqassam il-finanzi tieghi.

09/2.6.1 Huwa kompli jghid li sa issa, hemm ix-xewqa tal-Kunsill li jsiru dawn il-progetti: Librerija Pubblika, Skate-park, u asfaltar ta Toroq San Patrizju, Tal-Papa u Triq Zaren Dalli.

09/2.6.2 Il-Kunsilliera JB ziedet ix-xewqa ta All inclusive playing field fil-parti ta San Gorg.

09/2.6.3 Ghaldaqstant is-Sindku stieden lil Kunsilliera biex jahsbu f'xi progetti ghall-konsiderazzjoni, u li ghadhom jitressqu matul iz-zmien.

## 09/3 Mistoqsijiet lis-Sindku

**09/3.1** Il-Vici Sindku JC staqsa rigward l-ammont ta bins li twahhlu mill-Cleansing. Is-Sindku wiegeb li l-ammont li twahhal kien inqas u ghaldaqstant intalab il-kunsill talab lis-Sur Ramon Deguara biex izid l-ammont., izda ghadu ma inghatax twegiba.

**09/3.2** Il-Vici Sindku JC staqsa kemm giet tiswa l-attivita Festa Qarnit. Is-Sindku wiegeb li l-ahjar li jsir statement mis-sezzjoni tal-Finanzi.

**09/3.3** Il-Vici Sindku JC staqsa jekk jistax isir it-tindif tal-Culverts. Is-Sindku wiegeb li dan ghandu jibda immedjatament

**09/3.4** Il-Vici Sindku JC staqsa rigward iz-zebra cross ta San Gorg.Is-Sindku talab lil-Kunsillier SZ jghati rendikont.Il-Kunisllier SZ informa li da parti tieghu kollox lest, u li ser jghadii kollox lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jibda l-process.

**09/3.5** Il-Vici Sindku JC staqsa dwar il-possibilta li jingieb ftit konkos u materjal sabiex titranga is-Central Strip ta San Gorg. Il-Sindku qabel li ghandna niktbu lil-Ministeru sabiex nippruvaw ingibu il-materjal mehtieg

**09/3.6** Il-Kunsillier JB staqsa rigward il-progress li sar in quantu ghall-Petizzjoni tal-Port Hieles. Is-Sindku wiegeb li din kienet giet imwiegba.

**09/3.7** Il-Kunsilliera JB semmiet l-applikazzjoni tal-MEPA li giet sotomessa mill-Whitehead u staqsiet lis-Sindku informazzjoni fuq din il-materja. Is-Sindku KB wiegeb li s-sid ser ikabbar iz-zona uzata ghall-scarp

**09/3.8** Il-Kunsilliera ~~LG~~ JB saqsiet rigward it-timing tat-traffic lights li saru ricenti, fejn resident tal-Qajjenza ilmentaw li dawn jaqilbu malajr wisq. Is-Sindku KB wiegeb li iddiskuta dan mal-Perit inkarigat fejn gie infurmat li bhalissa qeghdin f'fazi ta studju u infatti il-hinijiet ser jigu aggustati

**09/3.9** Il-Kunsilliera LG saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi fir-rigward tal-att vandalu li sar fuq il-kameras tas-sigurta tal-latrini. Is-Sindku informa li Segretarju Ezekuttiv qed ihejji ir-rapport u li ser jintbghat fil-granet li gejjin.

**09/3.10** Il-Kunsilliera LG saqsiet jekk il-kunsill jistax ixandar il-filmati u jaghmilom pubblici. Is-Sinku wiegeb li ser issir il-verifika necessarja, u jekk hwa possibli, il-filmat ser jixxandar pubblikament.

**09/3.11** Il-Kunsillier HS staqsa rigward il-progress li sar fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-klejms li saru ghal-danni minn sidien ta vetturi. Is-Sindku wiegeb li l-bord kellu jiltaqa il-bierah izda l-avukat inqabad xoghol, allura il-bord kellu jippostponi l-evalwazzjoni.

**09/3.12** Il-Kunsillier HS staqsa rigward il-progress li sar fir-rigward tat-talba lil-Enemalta sabiex l-art li tinsaghab fi hdejn l-ex impjant tal-gass tinfetah bhala parking ghad-dghajjes. Is-Sindku Kevin Barun wiegeb li l-Kunsill ghadu ma rceviex risposta u ghaldaqstant ser jerga jigi avvicinat is-CEO Frederick Azzopardi.

## 09/4 Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

**09/4.1** Is-Sindku KB ressaq ghad-diskussji ittra ricevuta mill-Kumitat ghall-Qajjenza ahjar, liema ittra kienet iccirkolata minn qabel, u ghaldaqstant giet mehuda bhala moqrija, u li kienet partikolarment tirrimakra li n-nies tal-Qajjenza ma kienux kuntenti b'certu affarijiet relati ma Festa tal-Granita, u l-istess kumitat talaba li jiltaqa mal-Kunsill.

**09/4.2** Il-Kunsill qabel, li ir-residenti tal-Qajjenza ikollom sottokumitat fi hdan il-kunsill b'hekk ikunu iktar vicin u jkunu jiffurmaw parti, kif tippermetti il-ligi, tal-istess Kunsill

**09/4.3** Il-Kunsilliera JB irrimarkat l-Kumitat prezenti huwa Kumitat komuni bhal ta kull ghaqda, u ghaldaqstant Sotto Kumitat fi hdan il-Kunisll ikun iktar ta beneficcju ghar-residenti ta din l-akwata.

**09/4.4** Il-Kunsillier JB irrimarka li dawn huma parti mill-komunita ta Birzebbuga. Il-Kunsill qabel.

**09/4.5** Wara diskussjoni libera, kien hem qbil li l-Kunsill ~~jikkoncedi~~ jaccetta ghat-talba ta dan il-Kumitat, u ghalhekk ghandu organizza laqgha. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kumita ghall Qajjenza ahjar ghandu jibaghat l-agenda tal-laqgha minn qabel.

## 09/5 Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill

**09/5.1** Il-Kunsillier HS xtaq li jiddikjara dan li gej:

Xi hmistax ilu ghamel *post* fuq il-media socjali *facebook* li jixtieq jipproponi li l-Kunisll jghati l-ghajnuna lir-Refugjati Sirjani. Minhabba li kien hem zvilupp konsiderevoli, mhux ser itella din il-proposta. Dan l-izvilupp kien jinkludi il-fatt li sar grupp maghmul mill-Partiti Politici, il-Knisja u SOS Malta, u li fil-granet li gejjin ser tinzamm laqgha bejn dawn il-partijiet. Huwa zied jghid li ma kellux il-hsieb li jintuzaw xi fondi mill-Kunsill

**09/5.2** Il-Kunsilliera JB fakkret lil-Kunsill fl-attivita li ser tigi imtella dalwaqt sabiex jingabru fondi ghall-Malta community Chest Fund. Hija stiednet lill-Kulhhadd sabiex jattendi, u possibilment jghatu donazzjoni.

KB SF

**09/6 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji**

**09/6.1** Il-Kunsillier HS ppropona li jitranga l-hajt ta hdejn il-latrina pubblika li hem fejn il-Venda, bi spiza ta €180 exc VAT. Il-Kunsill qabel nem con li dan ix-xoghol isir.

**09/6.2** Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-iskeda ta Pagamenti bin-Numru 09/15

09/6.2.1 Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-iskeda, issekondata mis-Sindku KB. Il-kunsill qabel nem con. Ghaldaqstant l-iskeda ta pagamanti giet iffirmata mis-Sindku, mis-Segretarju Ezekuttiv, u minn zewg kunsilliera.

**09/7 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet**

**09/7.1** Ma kienx hemm mozzjonijiet ricevuti sad-data tal-gheluq skond l-ordnijiet permanenti

**09/8 Offerti Pubblici**

**09/8.1** L-abbozz tat-Offera tal-Gbir ta Skart Goff kien iccirkolat qabel il-laqgha allura gie mehud bhala moqri.

**09/8.2** Wara Diskussjoni qasira, il-kunsill qabel li ghandom jigu inkluzi dawn il-klawsoli:

- Il-Kunsill izomm id-dritt li jirrevedi in-numru ta gabriet fil-gimgha
- Il-Kuntratt ikun jinkludi izjed infazi fuq l-aderenza mal-ligi, bhal dik li ghaddiet ricentament rigward l-affarijiet elettronici.

**09/8.3** Il-Vici Sinku JC zied jghid li prezentament, huwa qediqabbad lil Charlie li ghandu l-kuntratt tat-tipper truck, biex, sakemm ikun wieqaf jistenna l-haddiema jippreparaw il-materjal li jrid jintrema, huwa jintbaghat jigbor l-iskart goff li l-pubbliku jarmi illegalment.

**09/8.4** Is-Sindku KB informa li l-kuntrattur imsemmi jista jintuza ahjar,

**09/8.5** Wara diskussjoni libera, kien hem qbil li l-Kuntrattur imsemmi jista jintuza ahjar, b'iktar valur ghall-flus.

**09/9 Traffiku u Parkegg**

**09/9.1** Il-Kunsillier JB semma l-kaz fejn allegatament residenta inghatat kontravenzjoni meta kienet ipparkjata go kaxxa bajja, bir-raguni tkun li kienet ipparkjata inqas minn 5 metri il-boghod minn kantuniera. Minhabba li l-kaxxa kien ghamilha l-Kunsill, huwa irrakkomanda li l-Kunsil jaghmel tajjeb finanzjarjament ghall-kontravvenzjoni.

09/9.1.1 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil li

- l-Kunsill m'ghandux ihallas il-kontravvenzjoni,
- l-Kunsill ghandu isegwi din il-materja mad-dipartiment tal-gvern Lokali
- Il-Kunsill joffri lir-residenta b'xejn xi haga li s-soltu joffri bi hlas, u li l-valur taghha ma jeccedix l-ammont tal-kontravvenzjoni.
- Il-Kunsill ghandu jistudja il-parkegg in kwistjoni.

**09/9.2** Il-Kunsillier SZ staqsa rigward id-devoluzzjoni tal-Parkegg ta Wied il-Buni.

KB SF

09/9.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li ma sab xejn rigward ezistenti rigward din il-materja, u ghaldaqstant ser jibda il-process.

**09/9.3** Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-ittra li ghandha tintbaghat lir-residenti tal-Qajjenza li tirrigwardja traffiku u parkegg hija kwazi lesta u ser tkun konkonkluza fil-granet li gejjin. L-istess japplika ghall-ittra li ser tintbaghat lir-residenti ta` Triq San Filippu.

**09/9.4** Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-mirja imwahhlin f'diversi zoni qed isofru minn atti vandali, kif ukoll, mhux qed joffrux ir-rizulat mistenni minhabba li bit-trab fuqom jirriflettu ir-raggi tax-xemx, kollox jidher imcajpar, jew ma jidher xejn.

**09/9.5** Il-Kunsillier SZ ressaq talba minn residenti ta Triq it-Torri, sabiex isiru zewg mirjiet flok wahda, haga li tmur kontra il-policies tal-Kunsill.

09/9.5.1 Wara diskussjoni libera, il-kunisll ma qabilx li ghandhom jigu imwahhlin zewgmirja.

09/9.5.2 Is-Sindku zied jghid li l-istess residenti talbu li jigu ufficjalment ma Marsaxlokk minhabba li ghalihom din taghmel iktar sens,meta tikkunsidra iz-zona geografikament

09/9.5.3 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li din it-talba hija valida, u ghalhekk talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jivverifika fuq il-materja,

**09/9.6** Il-Kunsillera JB irrimarkat li ~~lella~~ ilmenti li tat-trakk tal-gass, dak li huwa licenzjat ghall Malta kollha, u mhux dak stazzjonat fil-lokalita`) kien qed jutilizza hornijiet tal-arja, li jaghmlu hafna storbju, f'hinijiet mhux xierqa.

09/9.6.1 Wara diskussjoni libera kien hem qbil li l-kunsill ghandu jirraporta l-kaz lil-Pulizija

## 09/10 Indafa u Ambjent

**09/10.1** Il-Kunsilleir SZ innota li kien inqata il-haxix ta Benghajsa, immasfortunatament dan thalla f'munzelli, u mal-lejl, br-rih dan tar u sparpalja ruhu. Huwa gie infurmat li dan ix-xoghol kien ghamlu il-kuntrattur tal-Knis.

**09/10.2** Il-Kunsilliera JB ilmentat kif xufiera tat-trasport kienu qed jaqdu il-bzonnijiet naturali taghhom fi Triq Marconi, fil-pubbliku

09/10.2.1 Wara diskussjoni libera il-Kunisll qabel li jinfurma bil-miktub lil TM u lil Kunmpanija, sabiex jiehdu azzjoni.

## 09/11 Gonna, Parks, u Soft Areas

**09/11.1** Is-Sindku Kevin Barun ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill proposta tal-Kunsillier SZ, fejn irrakkomanda embellishment fil-gnien ta wara s-sur ta Wied il-Buni..

09/11.1.1 Wara Diskussjoni libera il-Kunsill qabel li ghandu jsir refurbishment taz-zona, partikolarment attenzjoni fuq l-indafa u ammiljorament bl-inqas spejjez possibli

**09/11.2** Is-Sindku KB KB irrimarka li wasal iz-zmien, u kif zvolgew l-affarijiet, li l-Kunsill jitlob devoluzzjoni tal-ground tar-ramel tal-bajja s-sabiha.

09/11.2.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ghandu jibda l-istudju necessarju ghar-rigward ta devoluzzjoni, sabiex ikun f'pozizzjoni ahjar li jiddeciedi.

**09/12 Utilitajiet u Servizzi**

**09/12.1** Il-Kunsillier SZ irrimarka li kellu talba minn resident sabiex jiccaqalqu arbli tal-Enemalta. Huwa zied jghid li bis-sistema prezenti mhux qed jasal, u ghaldaqstant biddel il-procedura ta dawn it-tip tacompalints, u ressaq it-talba direttament lil-Ministeru.

**09/12.2** Il-Kunsillier SZ irrimarka li rega kien hem ilmenti li hemm xi drenagg hiereg Dawret Qlab Imqaddsa, fi-rokna ta hdejn il-gnien, li taghti ghall-bahar, u ghaldaqstant hemm bzonn li jergaw isiru it-testijiet necessarji

**09/12.3** Il-Kunsillier SZ irrimarka ukoll li kien hemm ilmenti li hem xi drenagg hiereg faccata tal-moll in-naha tar-residenti, fejn hem il-parkegg tad-daghjjes, u ghaldaqstant hemm bzonn li isiru it-testijiet necessarji

**09/13 <u>Ambaxatur Lokali taz-Zaghzagh</u>**

**09/13.1** Is-Sindku informa li gew ricevuti 2 applikazzjoni ghall dan l-irwol, wahda minghand Scott Camilleri u ohra minghand Julain Izzo (ordni alfabetika)

**09/13.2** Wara Diskussjoni libera kien hem qbil li l-Kunisll ma jistax jevalwa fuq sempliciment applikazzjoni, u ghaldaqstant il-kandidati ghandhom jigu intervistati mis-Sindku u mis-Segretaru Ezekuttiv, u minn membri tal-Kunsill li jixtiequ ikunu involuti.

**09/14 <u>Ingagg ta' Impjegat</u>**

**09/14.1** Is-Sindku Kevin Barun fetah il-materja billi informa lix-xoghol fl-Amminsitrazzjoni kien zdied ferm matul l-ahhar snin. Kien qed jigi innutat li l-impjegati ma kienux qed ilehhqu max-xoghol, bir-rizultat li qed jinqabad ammont ta xoghol b'lura.

**09/14.2** Huwa informa l-Kunsill affacja problema ohra, dik li wahda mill-impjegati antiki, ma tistax tibqa tidhol nhar ta sibt, u b'hekk hemm problema ukoll sabiex il-Kunsill jopera tajjeb nhar ta Sibt.

**09/14.3** Huwa fakkar lil Kunsill li l-popolazzjoni tal-Birzebbuga kienet kibret, u skont l-ufficju tal-Istatistika, din kwazi telghet 12,000.

**09/14.4** Huwa informa li kien tkellem mas-Segretarju Ezekuttiv fejn ir-rakkomandazzjoni tieghu kienet li ghandu jizdied persuna, fuq bazi part-time, sabiex jiehu l-irwol ta customer care, fil-hinijiet ta filghodu, u l- persuna tkun obbligata li tidhol is-sibtijiet ukoll.

KB SZ

**09/14.5** Huwa informa li dan ser jiswa lil kunsill madwar €7,700 fis-sena

**09/14.6** Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu li l-punti kollha imsejjin iktar -il fuq huma kollha validissimi, u ghaldaqstant il-Kunsill qabel nem con lis-Segretarju Ezekuttiv ghandu jipprocedi bit-talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sabiex tingaghab l-approvazzjon necessarja

**09/15 Kera ta Garaxx**

**09/15.1** Is-Sindku KB ressaq ghad-diskussjoni il-Kuntratti tal-Kera tal garaxx li jinsaghab faccata tal-Kunsill, kemm dak antic, kif ukoll dak offrut gdid.

09/15.1.1 Wara diskussjoni libera il-Kunsill qable li prezz mitlub huwa gholi wisq, kif ukoll imur kontra l-ligi tax-xira tal-Kunsill, u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jitlob parir minghand l-avukat, sabiex ikun f'pozizzjoni li jiddeciedi

**09/16 Aggornament tal-Laqgha**

**09/16.1** Il-Kunsill aggorna ghat-13 t' Ottubru fil-18.00

**Il-Laqgha intemmet fit-8.55pm**

| | | |
|---|---|---|
| Kevin Barun<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Ezekuttiv | 13/10/15<br>Data |